MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 2787/1996/1

**General Provisions Company Limited**
**Vs**
**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu ppremetta u talab hekk:

Peress illi s-socjeta attrici hija importatrici f'Malta ta' oggetti tal-ikel.

U peress li fit-2 ta' Dicembru 1995 s-socjeta attrici importat f'Malta konsenja ta' "sunflower oil" u fl-istess waqt ghamlet is-solita "customs declaration" li fiha ddikjarat li fuq l-oggett importat ghandu jithallas "levy" ta' erba' (4) centezmi kull litru bbazat fuq il-"harmonised system code" numru 1512 11 91 00.

U peress li sussegwentement irrizulta li l-“integrated tariff number” kien gie emendat mid-Dipartiment tad-Dwana u dan ad insaputa tas-socjeta attrici.

U peress li minhabba dan il-fatt, il-konvenut iddecieda li jimponi fuq is-socjeta attrici “levy” addizzjonali ta’ Lm1,324 (elf tlett mija u erba’ u ghoxrin Lira), liema ammont is-socjeta attrici kienet kostretta thallas u dan sabiex jigi rilaxxjat ix-xoghol mill-konvenut.

U peress li l-imsemmi ammont kien gie impost fuq is-socjeta attrici b’mod ingust u thallas indebitament u dan in vista tal-fatt li l-malintiz fuq imsemmi kien gie kreat mhux b’tort tas-socjeta attrici, li kienet in buona fede mill-bidu nett, izda pjuttost tort tal-ufficjali tad-Dwana.

U peress li s-socjeta attrici ghandha dritt li titlob ir-rifuzjoni tal-imsemmi ammont minghand il-konvenut.

U peress li l-konvenut irrifjuta li jirrifondi s-somma fuq imsemmija lis-socjeta attrici u dan nonostante li din tal-ahhar kienet in buona fede oltre li l-malintiz li nholoq ma kienx responsabilta’ taghha.

Jghid il-konvenut ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta attrici segwiet dan kollu li tesigi l-Ordinanza tad-Dwana (Kap 37) meta importat f’Malta s-“sunflower oil” fuq imsemmi u ghalhekk l-imposizzjoni ta’ “additional levy” ta’ Lm1,324 da parte tal-konvenut ma kenitx gustifikata fic-cirkostanzi;

2. tikkundannah jirrifondi lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm1,324 indebitament imhallsa bhala “additional levy”.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali komprizi dawk tal-ittra legali tas-26 ta’ April 1996 u tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ Awissu 1996 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-azzjoni hija ghall-annullament ta' att amministrattiv fit-terminita' l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili u ghalhekk hija tardiva u inammissibli fit-termini tas-subartikolu (3) ta' l-imsemmi Art. 469A billi c-citazzjoni ma gietx prezentata fit-terminu ta' sitt xhur stipulat fl-imsemmi subartikolu.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont imhallas mis-socjeta attrici kien dovut skond il-ligi u ma sar ebda pagament indebitu lill-konvenut.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-lisit tax-xhieda;
Rat is-sentenza preliminari moghtija fil-5 ta' Novembru 1999 li permezz taghha giet michuda l-ewwel eccezzjoni;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghat il-provi bil-gurament;
Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;
Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' dawn il-proceduri s-socjeta' attrici qeda titlob il-kundanna tal-konvenut ghar-rifuzjoni tas-somma ta' Lm1,324 li hija kienet kostretta thallas lill-konvenut bhala additional levy ghar-rilaxx tal-merkanzija; u dana previa dikjarazzjoni gudizzjarja li hija "segwiet dak kollu li tesigi l-Ordinanza tad-Dwana [Kap.37]" fl-importazzjoni ta' Sunflower oil f' Malta.

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea s-segwenti kwadru tal-fatti. Fit-2 ta' Dicembru 1995 is-socjeta' attrici importat f' Malta konsenja ta' zejt mit-Trukija u ghall-finijiet ta' Dwana imliet id-dikjarazzjoni relattiva fejn iddeskriviet parti mill-merkanzija bhala Sunflower oil u indikat harmonised system code numru [HSC] 1512 11 91 00, kif ukoll levy ta' 4 centezmi kull litru.[1]

[1] Dok.KD6 prezentat mill-konvenut – Fols.104 u 105

George Borg, General Manager tas-socjeta' attrici, spjega li sussegwentment, u skond il-procedura normali, huma ghaddew il-customs entry form lis-socjeta' Anthony Falzon & Sons Limited, sabiex dina tramite s-sistema komputerizzata tad-Dwana tivverifika l-ammont precis tal-levy dovut; kif ukoll ikkonsenja lill-istess socjeta' cekk in bjank indirizzat lill-Kontrollur tad-Dwara ghal hlas tal-levy relattiv.[2]

Irrizulta pero' li meta giet lura l-entry form minn naha tad-Dwana, ir-respons kien li l-HS code indikat fl-imsemmija dikjarazzjoni hareg market "0" mill-computer tad-Dwana u cioe' li ma kienx dovut hlas ta' levy fuq dak in-numru. Dawn il-fatti gew konfermati wkoll minn Mario Falzon, impjegat mas-socjeta' Anthony Falzon & Sons Limited. Dan ix-xhud spjega li kemm din is-socjeta' kif ukoll is-socjeta' attrici dejjem uzaw dan l-HS Code 1512 11 91 00 u konsegwentement irceva struzzjonijiet minn naha tas-socjeta' attrici li izomm dan il-code "ghaliex dak it-tip ta' zejt dejjem dahal that dak l-HS Code partikolari".[3]

Illi meta gew prezentati d-dokumenti relattivi lil ufficjali tad-Dwana ghar-rilaxx tal-merkanzija, irrizulta li kien hemm diskrepanza bejn il-customs entry form[4] u l-fattura[5], kif ukoll il-merkanzija. Fil-fatt, filwaqt li l-customs entry form kienet turi HSC 1512 11 91 00 u l-oggett kien deskritt bhala Crude Sunflower Seed Oil, fuq il-fattura l-oggett kien deskritt bhala Refined Sunflower Oil, u minn ezami tal-merkanzija fil-container irrizulta li din kienet tikkonsisti f' refined u mhux crude Sunflower oil. Fil-kuntest tal-ligi fiskali dan jfisser li, filwaqt li dan ta' l-ahhar ma kienx soggett ghall-ebda levy, dak tal-ewwel kien soggett ghall-levy ta' 4c fil-litru. Konsegwentement qabel ma giet rilaxxjata l-merkanizja, is-socjeta' attrici kellha thallas is-somma ta' Lm1,766[6] bhala levy; u penali fl-istess ammont li pero', wara investigazzjoni tal-kaz minn naha tal-konvenut, 25% minnu kienu gew rifuzi lill-istess socjeta' u

[2] Affidavit George Borg Fol.34
[3] Afidavit Mario Falzon Fol.42-43
[4] Dok.KD1 Fols.91-92
[5] Fol.93-94
[6] Dok.KD3 Fol.98

l-konvenut ghalhekk zamm bhala penali s-somma ta' Lm1,324.

Illi mill-provi irrizulta li f' dik is-sena u fis-sena precedenti, 1994 u 1995, kien sar u kien ghadu jsir tibdil fil-ligi tat-tariffi. Di fatti fit-30 ta' Mejju 1995 hareg l-Att XIV.95 b' effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 1995 fejn il-HS Code ta' Sunflower Oil kien inbidel ghal 1512 19 91 00. Sussegwentement fit-26 ta' Dicembru 1995 kien hareg Avviz Legali 192.95 li kellu jibda fis-sehh fl-1 ta' Jannar 1996. Ufficjali oghlja tad-Dwana kkonfermaw li f' dak iz-zmien kien hemm taqliba shiha fil-ligi, kif ukoll fl-integrated tariff system intiza din sabiex tghin u tiffacilita lill-importatur ikun jaf kemm ghandu jhallas levy.

Fid-deposizzjoni tieghu John Mifsud, Kontrollur tad-Dwana, ammetta li kien sar zball fl-integrated tariff, izda rrileva li dina ma kellhiex bazi legali,[7] u li fil-computer il-ligi kienet indikata tajjeb. Dak li kien applikabbli kienet il-ligi, filwaqt li l-integrated tariff ma kellhiex bazi legali. " li naf zgur illi fit-tariffa, fil-computer system ir-rati kienu tajbin. Fejn tidhol il-levy ir-rati kienu tajbin. Kollox jirreferu ghall-istess HS Code. Li gara [kien] li l-integrated tariff li m' ghandha l-ebda bazi legali, hareg zball."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li fis-sena 1995 kien hemm tibdil fil-HS code tas-Sunflower Oil u li n-numru 1512 11 91 00 kwotat mis-socjeta' attrici ma kienx ghadu japplika ghal dan il-prodott f' forma 'refined'. Jirrizulta wkoll li f' dan il-kaz kien sar zball fl-integrated tariff, li ghalkemm m' ghandhiex bazi legali, sservi bhala sistema gwida ghall-importaturi.

Izda l-premess ut sic ma jezonerax lill-attrici awtomatikament minn kull nuqqas f' dan il-kaz. Huwa minnu li sistema intiza bhala gwida ghandha tkun preciza u affidabbli kemm jista' jkun, izda minn naha l-ohra, jistghu jezistu cirkostanzi, bhala fil-kaz prezenti, li jimponu l-obbligu fuq l-importatur li jaghmel il-verifiku tieghu f' kaz

[7] Dep. 4 ta' Novembru 2003 – Fol.127

li dak li jidher fuq il-computer ma jkunx jaqbel ma rizultanzi li jkun ta f' kazijiet simili precedenti.

Fil-kaz in disamina ma hemmx dubbju li l-General Manager tas-socjeta' attrici kien jaf li fuq il-prodott minnu importat kellu jhallas il-levy kif kien ghamel f' okkazzjonijiet precedenti. Dan jirrizulta kemm mid-dikjarazzjoni maghmula minnu lid-Dwana, fejn indika l-ammont ta' levy dovut; kif ukoll mill-fatt li lill-Anthony Falzon & Sons Limited, il-mandatarju tal-attrici, kien tahom cekk in bjank biex ihallsu l-levy dovut. Ghaldaqstant meta l-mandatarju tieghu informah bir-rizultat li tahom il-computer minn naha tad-Dwana, huwa ma kienx gustifikat li jibqa' jinsisti li juza l-istess numru, minghajr verifiki ulterjuri.

F' dawn ic-cirkostanzi importatur dilegenti kien ihoss l-obbligu li jindaga u jivverifika t-tariffi kif indikati fil-ligi, kif certament kien jaghmel li kieku gie indikat levy f' ammont superjuri ghal dak mistenni minnu. Fil-fatt irrizulta li, ghalkemm in-numru kien imbidel, il-ligi relattiva kienet ppubblikata fit-30 ta' Mejju 1995, u cioe' sitt xhur qabel l-importazzjoni in kwistjoni. Ghaldaqstant il-Qorti ma tara ebda raguni valida gustifikanti dan in-nuqqas da parti tas-socjeta' attrici.

Izda fil-fehma tal-Qorti l-aktar fattur li ghandu jghabbi lis-socjeta' attrici bir-responsabblita' ghal dak li gara, huwa proprju l-kontenut tal-entry form [esebita mill-konvenut] fejn l-oggett gie dikjarat bhala crude sunflower seed oil[8] - u dana meta l-fattura [invoice] annessa maghha u prezentata lir-releasing officer tiddeskrivi l-oggetti bhala refined sunflower oil - liema entry form giet dikjarata bhala korretta fid-dettalji taghha mill-mandatarju tas-socejta' attrici.

Kif ssottomettiet id-difensur tal-konvenut " L-importatur kellu l-possibilita' kollha li jqabbel dak li ddikjara ma' dak li kellu fuq l-invoices mibghuta lilu minn barra u ma' dak li fil-fatt hu kien xtara u importa. Il-fatt innifsu li dak li mporta

[8] Sottolinear tal-Qorti

ma qabilx mad-dokumenti li l-importatur stess issottometta lid-Dwana jammonta ghal dikjarazzjoni skorretta fit-termini tal-artikoli 61 u 63 tal-Ordinanza ta-Dwana"[9] - konsiderazzjoni sostenibbli kemm fattwalment u kif ukoll legalment.

Illi in vista tal-premess ma jsitax jinghad li s-socjeta' attrici "segwiet dak kollu li tesigi l-Ordinanza tad-Dwana", kif lanqas jista' jinghad li l-imposizzjoni tal-additional levy ma kienitx gusitifikata fic-cirkostanzi. Ghaldaqstant it-talbiet attrici mhumiex gustifikati u m' ghandhom jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[9] Nota tal-osservazzjonijiet – fol.142. Sottolinear tal-Qorti.